MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2013

Numru. 716/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR SYLVANA BRIFFA**

**VS**

**CARMELA SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Carmela Spiteri, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 13467 (M).

**Akkuzata talli:**

1. F’dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta` bejn il-15 u s-16 ta` Lulju 2013, ingurjat jew heddied, jew ghamlet offiza fuq il-

persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku u cioé WPS148 Denise Camilleri u WPC89 Mariella Spiteri, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzahom jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PS1444 Kenneth Brigniano u PC1081 Jonathan Farrugia ta` xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita` kompoteneti;

3. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi f'xi triq jew f'post iehor pubbliku jew f'xi post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta` prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

4. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkustanzi m'obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallietx jew fixklet waqt li jkun qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlet fi dmiru, billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel;

5. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkustanzi kisret il-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied;

6. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkustanzi rrendiet ruhha recediva ai termini ta` l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` ta` dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta` htija ma` kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 925, 926, 338 (3), 338 (n) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7 sub-inciz tnejn tal-Kapitolu 63, wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata, wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-prosekuzzjoni kontra l-imputata kkunsidrat illi l-ammissjoni volontarja u inkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lil imputata hatja ghal dak kollu li hi giet akkuzata.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li semghet minghajr gurament lil WPS 148 Denise Camilleri u in presenza tal-ufficjali tal-pulizija l-ohra msemmijin fl-att tal-akkuza, u wara li rat l-fedina penali vasta tal-imputata, temmen illi piena karcerarja effettiva hija inevitabbli f'dan il-kaz. Ghal dawn ir-ragunijiet u minhabba l-ammissjoni stess tal-imputata din il-Qorti qed issiba hatja u qeghda tikkundannaha ghal sebgha (7) xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien illi hija ghamlet taht arrest.

Illi, wkoll, il-Qorti qedgha twissi lill-imputata sabiex bl-ebda mod ma tkellem, iddejjaq jew timmolesta lil WPS148 Denise Camilleri u WPC89 Mariella Spiteri u dan taht penali ta` hames mitt ewro (€500) fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------